

Brussell, 4 ta' Diċembru 2017
(OR. en)

15397/17

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0314 (NLE)

AELE 90
EEE 60
N 61
ISL 53
FL 42
MI 925
TRANS 538
AVIATION 178
MAR 228
ENER 497
ENV 1031
IND 364
RECH 408

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	30 ta' Novembru 2017
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2017) 711 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda fl-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2017) 711 final.

Mehmuż: COM(2017) 711 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.11.2017
COM(2017) 711 final

2017/0314 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea,
fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda fl-Anness XIII (Trasport)
tal-Ftehim ŻEE**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet għall-proposta u l-oġġettivi tagħha.**

L-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta) għandu l-għan li jemenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE sabiex tiġi inkorporata d-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi¹.

- **Konsistenza ma' dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam tal-politika**

L-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt anness jestendi l-politika diġà eżistenti tal-UE għall-Istati taż-ŻEE-EFTA (in-Norveġja, l-Iżlanda u l-Liechtenstein).

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-estensjoni tal-acquis tal-UE għall-Istati taż-ŻEE-EFTA, permezz tal-inkorporazzjoni tagħhom fil-Ftehim ŻEE titwettaq f'konformità mal-oġġettivi u l-prinċipji ta' dan il-Ftehim li jimmiraw lejn l-istabbiliment ta' Żona Ekonomika Ewropea dinamika u omoġenja, ibbażata fuq regoli komuni u kondizzjonijiet ugwali ta' kompetizzjoni.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-leġiżlazzjoni li se tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE hija bbażata fuq l-Artikolu 91 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

L-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94² dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ŻEE jipprevedi li l-Kunsill jistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fisem l-Unjoni dwar Deċiżjonijiet bħal dawn, fuq proposta mill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tissottometti, f'kooperazzjoni mas-SEAE, l-Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għall-adozzjoni mill-Kunsill bħala l-pożizzjoni tal-Unjoni. Is-SEAE jittama li jkun fil-qagħda li jippreżentah fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE kemm jista' ikun malajr.

- **Sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà għar-raġuni li ġejja.

L-oġġettiv ta' din il-proposta, jiġifieri li tiġi żgurata l-omoġeneità tas-Suq Intern ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista' għalhekk, minħabba l-effetti, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni.

Il-proċess tal-inkorporazzjoni tal-acquis tal-UE fil-Ftehim ŻEE jitwettaq f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea li jikkonferma l-approċċ li ttieħed.

¹ ĠU L 307, 28.10.2014, p. 1.

² ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6-8.

- **Proporzjonalità**

F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, din il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq l-għan tagħha.

- **Għażla tal-istrument**

F'konformità mal-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, l-istrument magħżul huwa d-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE. Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandu jiżgura l-implimentazzjoni u l-operat effettivi tal-Ftehim ŻEE. Għal dan l-għan, għandu jieħu deċiżjonijiet fil-każijiet previsti fil-Ftehim ŻEE.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Għir u użu ta' għarfien espert**

Mhux applikabbli

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Ma hemm l-ebda implikazzjoni baġitarja mistennija bħala riżultat tal-inkorporazzjoni tad-Direttiva 2014/94/UE fil-Ftehim taż-ŻEE.

5. ELEMENTI OĦRA

L-adattamenti ewlenin mitluba min-naħa tal-EFTA

Adattament (b), Artikolu 6

L-użu ta' gass naturali fl-Iżlanda huwa limitat, peress li għad ma hemmx suq, infrastruttura jew impriżi fl-Iżlanda għall-gass naturali, la fit-trasport bit-triq u lanqas għal bastimenti li jbaħħru. Qatt ma eżistew swieq jew impriżi bħal dawn fil-passat u lanqas mhuma mistennija jfeġġu fil-futur u l-ebda netwerk għad-distribuzzjoni tal-gass qatt ma nbni. F'dan l-isfond l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2014/94/UE jenħtieġ li ma jkunux applikabbli għall-Iżlanda.

Addattament (c), tad-Direttiva sħiħa

Minħabba s-sitwazzjoni speċifiku tiegħu, il-Liechtenstein ingħata eżenzjoni sħiħa mid-Direttiva 2009/28/KE dwar l-użu ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli³, li ġiet inkorporata fil-Ftehim ŻEE, u li tirreferi għaliha d-Direttiva 2014/94/UE f'partijiet differenti.

Peress li fil-Liechtenstein la hemm kosta/portijiet u lanqas ajruporti (ħlief għal heliport żgħir). Fil-pajjiż ma hemmx awtostradi u l-aktar importanti, Liechtenstein mhuwiex parti fin-Netwerk TEN-T u qed jitlob li jiġi eżentat mill-implimentazzjoni tad-Direttiva 2014/94/UE.

³ Id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16).

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea,
fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda fl-Anness XIII (Trasport)
tal-Ftehim ŻEE**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea⁴, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea⁵ ("il-Ftehim ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.
- (2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jiddeċiedi li jemenda, *inter alia*, l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE.
- (3) Id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ jenħtieġ li tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (4) Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (5) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jenħtieġ għalhekk li tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-deċiżjoni meħmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta tal-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

⁴ ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

⁵ ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

⁶ Id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi (ĠU L 307, 28.10.2014, p. 1).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.
Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*